**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Is-Sibt 2 ta' Ġunju 2018

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

### AĠENDA Numru 75

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 75 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ġimgħa 8 ta' Ġunju 2018 fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

75.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
75.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
75.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
75.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
75.5 Rapporti;
75.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
75.7 Approvazzjoni dwar is-sejħa għall-offerti QLC – CMHW 49/18 – Offerti għall-Kollezzjoni ta' Skart Domestiku mil-Lokalità tal-Qrendi b'Ħarsien Ambjentali;
75.8 Tisbiħ tal-Ġnien tal-Warda;
75.9 Evalwazzjoni dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2018;
75.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
75.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-75 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar il-Ġimgħa 6 ta' Ġunju 2018 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-7pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

75.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

75.1.1 Ma' kien hemm l-ebda ittri x'jiġu moqrija.

75.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

75.2.1 Il-Minuti tal-74 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

75.2.2 Il-Kunsilliera Daniela Farrugia ssekondat il-Minuti.

75.2.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' dawn il-Minuti.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 75.3, 75.4 u 75.5 jiġu diskussi wara Minuta 75.9 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet sekondata mill-Viċi Sindku Charles Zerafa u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

75.6 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

75.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li x-xogħol inbeda biss kellu jitwaqqaf ftit minħabba li qed nistennew lid-Dipartiment tal-Kura Primarja jħallas l-aħħar kont tad-dawl u l-ilma tal-Berġa, sabiex imbagħad l-Enemalta jaqtgħu d-dawl u jkun jista' jitkompla x-xogħol.

75.6.2 Spjega kif fil-preżent il-Berġa qiegħda tiffunzjona mill-binja tal-Kunsill Lokali u jidher li kollox miexi kif pjanat.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 75.7 APPROVAZZJONI DWAR IS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI QLC – CMHW 49/18 – OFFERTI GĦALL-KOLLEZZJONI TA' SKART DOMESTIKU MIL-LOKALITÀ TAL-QRENDI B'ĦARSIEN AMBJENTALI

75.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-bord t'aġġudikazzjoni ta' din is-sejħa ser jerġa' jiltaqa' wara li issa rċevejna l-kjarifiċi li l-bord talab għalihom aktar kmieni.

75.7.2 Id-deċiżjoni finali dwar dan it-tender ser tittieħed fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali.

## 75.8 TISBIĦ TAL-ĠNIEN TAL-WARDA

75.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li permezz tal-fondi tal-*Urban Improvement Fund (UIF)* se nippruvaw nirranġaw u nsebbħu l-Ġnien tal-Warda.

75.8.2 Qal li l-Kunsill Lokali f'idejh għandu stima mingħand il-Perit ta' ftit aktar minn €71,000 imma issa wasalna fl-istadju li rridu napplikaw għall-fondi u għall-permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar.

75.8.3 Spjega kif ser tkun qiegħda tinżamm l-istess *footprint* li kien hemm qabel u ż-żona kollha ser tiddawwar bil-*fence* bħala protezzjoni għat-tfal.

75.8.4 Qal li l-Kunsill Lokali jrid japprova l-applikazzjoni sabiex tiddaħħal l-Awtorità tal-Ippjanar u nkunu nistgħu nipproċedu.

75.8.5 Is-Sindku ppropna, filwaqt li l-Viċi Sindku Charles Zerafa ssekonda l-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 75.9 EVALWAZZJONI DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2018

75.9.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li l-Festival Agrarju tal-Patata 2018 kien suċċess.

75.9.2 Qal li n-nofstanhar ta' filgħodu kien b'saħħtu ħafna u għalkemm waranofsinhar ikkalmajna xi ftit, mal-ħin reġgħu bdew ġejjin ħafna nies.

75.9.3 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud qalet li hi m'attendietx għal ħafna mill-ħin għax ma rċevitx messaġġ li jindika fi x'ħin kien hemm bżonn l-għajnuna.

75.9.4 Il-Viċi Sindku qal li issa rridu naraw fuq is-sena d-dieħla jekk isirx jew le, u dan minħabba l-Elezzjoni tal-Parlament Ewropew u l-Elezzjoni tal-Kunsilli Lokali, imma din niddiskutuha aktar 'il quddiem.

75.9.5 Is-Sindku David Schembri qal li anke r-rappreżentanti mill-Irlanda ta' Fuq kienu impressjonati bl-organizzazzjoni u bl-ammont ta' nies li attendew.

75.9.6 Qal li fl-aħħar mill-aħħar anke hu kien impressjonat bl-ammont ta' nies li attendew u kellu ħafna kummenti pożittivi minn diversi persuni.

75.9.7 Żied li Triq it-Tempesta u Misraħ il-Maqluba kienu armati daqs bajda u rringrazzja u ta l-prosit lil kulmin ta sehmu.

75.9.8 Spjega kif il-*coverage* fuq il-media għal dan il-Festival kien tajjeb ħafna fuq kull mezz tax-xandir.

75.9.9 Qal li bħala organizzazzjoni, dan il-Festival spiċċat ġie organizzat minn ftit nies biss, u li għal darb'oħra rridu nagħmlu ċert li jkun hemm aktar parteċipazzjoni.

75.9.10 Żied li r-rappreżentanti minn Comber, l-Irlanda ta' Fuq, se jħejju rapport dwar kif nistgħu nibdew naħdmu fuq ġemellaġġ.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 75.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

75.3.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar is-seminars li qegħdin jiġu organizzati mill-Awtorità tal-Ippjanar u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

75.3.2 Is-Sindku tkellem dwar is-*Solar Cinema* li saret fil-5 ta' Ġunju f'Misraħ il-Maqluba.

75.3.2.1 Qal li din kienet attività mtellgħa mill-Valletta18 u li għaliha kien hemm attendenza sabiħa ta' 'l fuq minn 200 persuna.

75.3.2.2 Irringrazzja lill-Kappillan Dun Glen Buhagiar li provda s-siġġijiet għal din l-attività.

75.3.3 Is-Sindku tkellem dwar il-kampanja organizzata mill-Koperattiva GreenPAK "Irriċikla għall-Istrina."

75.3.3.1 Qal li bħala Kunsill Lokali konna mistednin il-Palazz tal-President tal-Verdala sabiex nassistu għaċ-ċerimonja tar-rebbieħa.

75.3.3.2 Faħħar liċ-Ċentru ta' Riżorsi Helen Keller li rnexxielhom jiksbu t-tielet post f'din l-inizjattiva u qal li diġa' ilna niġbru t-tappijiet sitt xhur sabiex ngħinu lill-iskejjel tal-Qrendi.

75.3.4 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħolijiet li bħalissa qegħdin għaddejjin fi Triq San Niklaw, Triq l-Imqabba u Triq Wied iż-Żurrieq.

75.3.4.1 Qal li fi Triq San Niklaw għalissa x-xogħol ser jasal sa ħdejn il-Ġibjun, minħabba li minn hemm 'il quddiem ser ikunu qegħdin jieħdu ħsieb tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma minħabba li jridu jibdlu l-pajpijiet tagħhom.

75.3.4.2 Żied li min-naħa l-oħra, Triq l-Imqabba suppost għandha tingħata wiċċ ġdid ta' tarmak sal-aħħar ta' Lulju.

75.3.4.3 Barra minn hekk qal ukoll li bħalissa parti kbira minn Triq Wied iż-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Żurrieq tinsab magħluqa għaliex qegħdin jgħaddu l-cables tad-dawl u mill-informazzjoni li għandna jidher li għandhom madwar tliet ġimgħat sabiex ilestu.

75.3.5 Is-Sindku tkellem dwar il-monument f'ġieħ Ġużé Cassar u qali li bħala Kunsill Lokali qegħdin nippruvaw nibbenifikaw minn fondi mill-fond AVOS u ser indaħħlu applikazzjoni dalwaqt.

75.3.5.1 Qal li se nkunu qegħdin nippruvaw niġbru erba' kwotazzjonijiet mingħand erba' artisti differenti u nkunu nistgħu nipproċedu minn hemmhekk 'il quddiem.

75.3.5.2 Żied li bħala Kunsill Lokali nkunu rridu li nwaqqfu Bord t'Aġġudikazzjoni sabiex imbagħad issir l-għażla ta' liema applikazzjoni ser tintagħżel, ibbażata fuq l-artistrija u fuq il-prezz.

75.3.6 Is-Sindku tkellem dwar il-kawża fil-Qorti bejn Argus Insurance Limited u l-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

75.3.6.1 Qal li fl-aħħar darba li tlajna ngħatat is-sentenza li kienet kontra l-Kunsill Lokali biss hemm lok għall-appell u għaldaqstant ippropona li l-Kunsill Lokali għandu jappella din is-sentenza.

75.3.6.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li għandu jsir l-appell f'dan il-każ.

75.3.7 Is-Sindku tkellem dwar il-korrispondenza ***SPI 1/2018 – Lifelong Learning Courses – Additional Information***.

75.3.7.1 Qal li l-applikazzjonijiet se jiftħu mit-12 ta' Lulju u jibqgħu miftuħa sat-3 t'Awwissu u l-applikazzjonijiet jistgħu jsiru online jew fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

75.3.8 Is-Sindku tkellem dwar il-korrispondenza ***Invitation – Primary Health Care Department program of health education*** mibgħuta mis-Sa Dorothy Scicluna.

75.3.8.1 Qal li sfortunatament bħala Kunsill Lokali ma nistgħux inżommu tali laqgħat minħabba li m'għandniex post, u jalla li meta issa jkollna ċ-Ċentru Ċiviku ġdid lest, laqgħat simili jkunu jistgħu jsiru.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

75.3.9 Is-Sindku tkellem dwar il-korrispondenza ***TVM FIFA World Cup Roadshow*** mibgħuta mis-Sa Ramona Mamo DeGiovanni.

75.3.9.1 Qal li din l-offerta, apparti li hija għolja finanzjarjament, xorta waħda ser tkun diffiċli minħabba li qegħdin jipproponu l-25 ta' Ġunju, li taħbat l-ewwel ġurnata tal-festa tal-Madonna ta' Lourdes.

75.3.10 Is-Sindku tkellem dwar il-korrispondenza ***Request for Clearance re: RG4749/17*** mibgħuta mill-Perit Stephan Vancell.

75.3.10.1 Qal li hu qiegħed isib problema biex jgħid li m'għandu l-ebda oġġezzjoni għax fil-verità din hija sitwazzjoni problematika.

75.3.10.2 Staqsa, 'min jixtieq li jkollu d-drenaġġ quddiemu?'

75.3.10.3 Għaldaqstant ippropona li tissejjaħ laqgħa mal-Perit Vancell sabiex jiġu diskussi ċertu punti mbagħad il-Kunsill Lokali jkun jista' jasal għal deċiżjoni finali dwar dan il-każ.

75.3.11 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza bit-titlu ***Bar permit*** mibgħuta mis-Sinjuri Antonio Spiteri u Joseph Callus li bħalissa għandhom f'idejhom il-bar tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija.

75.3.11.1 Qal li fil-passat kien sar ftehim ta' rġulija bejn iż-żewġ soċjetajiet, li tkun biss is-Soċjetà li qiegħda torganizza l-festa li jkollha l-permess li tarma bar barra.

75.3.11.2 Fakkar kif kull Soċjetà tista' tarma l-imwejjed u s-siġġijiet barra bil-permessi meħtieġa.

75.3.11.3 Spjega kif bħala Kunsill Lokali tkellimna mal-amministrazzjoni taż-żewġ soċjetajiet, tkellimna wkoll mal-Korp tal-Pulizija u jidher li kulħadd huwa tal-fehma li d-deċiżjoni għandha tkun waħda fin-negattiv dwar din it-talba.

75.3.11.4 Is-Sindku ppropona li din it-talba għandha tiġi miċħuda, il-Kunsilliera Daniela Farrugia ssekondat il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

75.3.12 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza bit-titlu **Attività f'Wied iż-Żurrieq – 23 ta' Ġunju, 2018**.

75.3.12.1 Qal li hu jipproponi li l-Kunsill Lokali għandu jaċċetta li ssir tali attività, bil-kundizzjonijiet kollha kif isir is-soltu, imma min-naħa l-oħra l-Kunsill Lokali messu jibda l-proċess sabiex tgħaddi *bye-law* li tirregola l-attivitajiet li jsiru fil-belveder ta' Wied iż-Żurrieq.

75.3.12.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

75.3.13 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza bit-titlu **Attività fil-Qrendi** mibgħuta mill-Kappillan Dun Glen Buhagiar.

75.3.13.1 Qal li l-Kappillan jixtieq li jorganizza Lejla Qrendija fil-15 ta' Settembru, biss bħala Kunsill Lokali konna diġa' ftehemna li dakinhar tiġi organizzata ġurnata Sqallija.

75.3.13.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li min-naħa tiegħu ċċekkja dwar *w/end break* fi Sqallija wara l-proposta fl-aħħar laqgħa.

75.3.13.3 Qal li b'kollox jistgħu jimtlew sa 22 kamra, u issa sta għall-Kunsill Lokali biex jiddeċiedi jekk il-mawra tkunx għal ġurnata jew inkella għal *w/end*.

75.3.13.4 Is-Sindku qal li hu jippreferi ġurnata waħda u dan minħabba li probabilment għal *w/end break* ma jkollniex ħafna nies minħabba li s-suġġeriment wasal mingħand ftit nies biss u probabbli jippreferu aktar li tkun ġurnata waħda.

75.3.13.5 Il-Viċi Sindku qal li jekk se tkun ġurnata waħda rridu niddeċiedu jekk hux se nżommu l-ġurnata tal-15 ta' Settembru, jew inkella naraw jekk forsi nagħmluhiex ġurnata qabel, fl-14 ta' Settembru, sabiex imbagħad il-Kappillan ikun jista' jtellgħa l-attività tiegħu.

75.3.13.6 Qal li min-naħa tiegħu se jkellem lill-Kappillan dwar dan, u jiċċekkja jekk bħala Parroċċa huwiex ċert 100% li se jtellgħa l-attività, għax lanqas ħaqq li nibdlu l-ġurnata mbagħad l-Kappillan ma jorganizzax l-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

attività tiegħu.

## 75.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

75.4.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa staqsa jekk hemmx il-ħsieb li ssir il-bibita ta' jum il-festa mill-Kunsill Lokali li ġieli ġiet organizzata qabel.

75.4.1.1 Is-Sindku David Schembri wieġeb li hu personali jħoss illi din il-bibita għandha titwaqqaf minħabba diversi raġunijiet, fosthom li l-mistiedna jew ma jattendux inkella jitilqu ftit tal-minuti wara, u allura s-sens tal-bibita jintilef.

75.4.1.2 Żied li jekk kemm-il darba hemm interess ġenwin li din terġa' tibda ssir, hu ma jsibx diffikultà li jirrevedi din id-deċiżjoni, anke jekk tkun tfisser li hu stess jiffinanzja din il-bibita minn butu.

75.4.2 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud tkellmet dwar il-laqgħat tal-Kunsill Lokali u jekk dawn ikunux irrekordjati.

75.4.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon wieġeb li s'issa għadhom qatt ma ġew rekordjati għax inkunu rridu appart apposta apparti dak li diġa' għandna, imma qal li se jitkellem mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jiċċekkja jekk ikunux jistgħu jibdew jixxandru permezz ta' FB Live u allura jkunu rekordjati.

## 75.5 RAPPORTI

75.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti mressqa.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 75.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

75.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €24,915.63 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 06/18 u €145.37 skont il-*Petty Cash* Ref V/05.

75.10.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

75.10.3 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw din il-proposta.

75.10.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 75.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

75.11.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 9 ta' Lulju 2018 fis-1pm.

75.11.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar il-ħin tal-laqgħa.

______________________ ______________________

**Chris Falzon** **David Schembri**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**